MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2003

Rikors Numru. 1736/2001/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2751/01, fl-ismijiet:**

**Anna Maria BUTTIĠIEĠ**

**vs**

**Remy SAID, Sascha Said, Daniela Said, u Bettina Said**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq mill-imsemmija aħwa Said fl-1 ta’ Novembru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu t-tħassir fil-konfront tagħhom ta’ Mandat ta’ Sekwestru numru 2751/01 maħruġ kontrihom fl-1 t’Ottubru, 2001, mill-intimata eżekutanti Anna Maria Buttiġieġ;

Rat id-Dokument mehmuż mal-istess Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tal-4 ta’ Frar, 2002 (wara li l-atti kienu ġew għall-bidu assenjati għal xi żmien quddiem ġudikant ieħor) li bih qegħdet ir-Rikors għas-smigħ għas-7 ta’ Marzu, 2002, u tat żmien lill-intimata biex tressaq Tweġiba għat-talba tar-rikorrenti;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 ta’ Marzu, 2002, fuq talba b’rikors imressaq mir-rikorrenti fit-8 ta’ Marzu, 2002, li bih ordnat in-notifika tal-intimata eżekutanti bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni għall-finijiet tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Anna Maria Buttiġieġ fl-20 ta’ Marzu, 2002, li biha qalet li t-talba tar-rikorrenti ma jmisshiex tintlaqa’;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta’ Marzu, 2002[1], li bih hija tat żmien lir-rikorrenti jiddikjaraw b’Nota taħt liema waħda mill-

[1] Paġ. 17 tal-atti

kawżali maħsuba fl-artikolu 836(1) tal-Kap 12 kienu qegħdin iressqu t-talba tagħhom għat-tħassir tal-Mandat;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Mejju, 2002, li matulu, fost l-oħrajn, l-abbli difensur tar-rikorrenti iddikjara li t-talba kienet qegħda ssir a tenur tal-paragrafi (b) u (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2002, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti qegħdin għal raġunijiet separati jipprovaw ineħħu minn fuqhom, għal kollox l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li Anna Maria Buttiġieġ ħarġet kontihom fl-1 t'Ottubru, 2001, biex jagħmel tajjeb għal "ammont dovut bħala vitalizzju mis-6 ta' April, 1999, sas-6 ta' Settembru, 2000, naxxenti mit-testment ta' Godwin Said tad-19 ta' Frar, 2000, fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro". Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta' għaxart elef u tliet mitt lira Maltija (Lm 10,300). Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq,

b'Degriet mogħti fl-1 t'Ottubru, 2001. Il-Mandat ma jidhirx li ġie notifikat lir-rikorrenti eżekutati;

Illi jirriżulta li l-kawża għall-pretensjoni msemmija fil-Mandat inbdiet mill-intimata eżekutanti kontra ż-żewġ rikorrenti tal-lum b'Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl- ta' Diċembru, 2000, jiġifieri iżjed minn sena qabel ma nħareġ il-Mandat innifsu;

Illi r-rikorrenti eżekutati jqisu l-imsemmi Mandat m'għandux jibqa' fis-seħħ għar-raġuni li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tiegħu ma tkunx għadha fil-fatt teżisti[2] u wkoll għaliex fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ il-Mandat jew parti minnu jew li m'huwiex iżjed mistħoqq jew meħtieġ li jinżamm fis-seħħ[3];

Illi għandu jingħad f'dan l-istadju li, wara l-ħruġ tal-Mandat u waqt li kien qiegħed jiġi ittrattat ir-Rikors[4], l-intimata ħarġet kontro-Mandati fil-konfront tar-rikorrenti Bettina Said[5], iżda nżamm fis-seħħ fil-konfront tar-rikorrenti l-oħrajn;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[6]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li llum il-ġurnata jagħmlu parti minn kawża li għadha qegħda tinstama' minn din il-Qorti[7];

---

[2] Art. 836(1)(b) tal-Kap 12
[3] Art. 836(1)(f) tal-Kap 12
[4] Ara verbal tas-smigħ tal-14.5.2002 f'paġġ. 19-20 tal-atti
[5] Ara Kontro-Mandati 810/02 tal-15.4.2002 u Kontro-Mandat 1269/03 tat-30 ta' Lulju, 2003
[6] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[7] Ċitazz. Nru. 2276/00JRM li tinsab imħollija għat-trattazzjoni fuq punt preliminari għas-smigħ tal- ta' Novembru, 2003

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qegħdin jibnuhom fuq kawżali speċifiċi msemmija mil-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[8];

A) <u>Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti</u> (Art. 836(1)(b)). Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[9]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att. Issa, minn dak li jidher mir-Rikors promotur f'dawn l-atti, jidher li r-rikorrenti qegħdin jibnu din il-kawżali fuq żewġ fatti li huma jisħqu li l-intimata messha kienet tafhom **qabel** ma talbet il-ħruġ tal-Mandat. Fl-ewwel lok, huma jgħidu li Bettina Said kienet diġa' irrinunzjat għall-wirt ta' missierha kif titlob il-liġi u għalhekk ma messhiex tkun indikata bħala debitriċi tal-pretensjonijiet ta' Buttiġieġ. Fit-tieni lok, huma jgħidu li ħadd mill-aħwa l-oħra għadu m'aċċetta l-wirt u għalhekk ukoll waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma kinitx għadha fis-seħħ;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ

[8] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[9] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi, kif ingħad, dwar l-ewwel kawżali imqanqla mir-rikorrenti jidher li l-intimata eżekutanti aġixxiet billi ħarġet kontro-Mandat, u għalhekk, din il-Qorti m'hijiex sejra tqis iżjed l-ilment tar-rikorrenti Bettina Said, billi l-proċediment issa ntemm bil-ħruġ ta' dak l-att. Il-kwestjoni li jifdal dwar din il-kawżali hija waħda interessanti u sejra tiġi mistħarrġa;

Illi r-raġuni li ġabu r-rikorrenti fis-sens li huma għadhom m'aċċettawx il-wirt ta' missierhom m'hijiex, waħedha, raġuni tajba biex il-Mandat jitħassar. Kwestjoni ta' din l-għamla tifforma parti minn mertu li l-Qorti li qegħda tisma' l-kawża għad trid tqis, u mhux il-Qorti f'din il-proċedura. Imma, min-naħa l-oħra, bl-akbar rigward, ir-raġunament magħmul mill-intimata fit-Tweġiba tagħha fis-sens li l-Mandat kien meħtieġ għaliex uħud mir-rikorrenti eżekutati għandhom f'idejhom oġġetti formanti parti mill-wirt ma jagħmilx sens għall-finijiet ta' ġustifikazzjoni tal-ħruġ tal-Mandat. Il-għan ewlieni ta' Mandat ta' Sekwestru huwa dak li jżomm milli jgħaddu f'idejn id-debitur tal-persuna li jitlob il-ħruġ tal-Mandat flus jew ħwejjeġ mobbli li jkunu f'idejn <u>terzi persuni</u>[10]; m'huwiex il-ħsieb tal-Mandat ta' Sekwestru li jżomm lid-debitur milli jeħles minn ġidu. Għal dak il-għan, il-liġi tipprovdi għall-ħruġ ta' Mandati kawtelatorji (jew eżekuttivi) oħrajn. Fil-każ preżenti, joħroġ ċar li l-Mandat inħareġ kontra r-rikorrenti bħala d-debituri eżekutati, filwaqt li s-sekwestratarji kienu erba' (4) banek kummerċjali ewlenin f'Malta. L-ebda wieħed minnhom ma iddikjara (jekk qatt intalab jagħmel dan) jekk huwiex qiegħed iżomm flejjes jew assi tar-rikorrenti jew ta' xiħadd minnhom;

[10] Art 375 tal-Kap 12 kif applikat bl-artikolu 849

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li għalkemm il-ħsieb li wassal lill-intimata biex titlob il-ħruġ tal-Mandat (u kif imfisser fit-Tweġiba tagħha) juri tassew li din ma kinitx raġuni siewja biex jinħareġ il-Mandat taħt eżami, ir-rikorrenti ma seħħilhomx, min-naħa tagħhom, juru lil din il-Qorti (kif kienu fid-dmir li jagħmlu, għax il-piż tal-prova jaqa' fuqhom f'dawn il-proċeduri) li din il-ħtieġa naqset **wara** l-ħruġ tal-istess Mandat;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrenti ma seħħilhomx juruha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> (Art. 836(1)(f)). Dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika wkoll li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ;

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-ebda talba fil-kawża magħmula mill-intimata eżekutanti ma jistħoqqilha tintlaqa', xorta waħda ma jistax b'daqshekk jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[11]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimata eżekutati;

[11] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi, naturalment, il-Mandat ta’ Sekwestru taħt eżami weġġa’ lir-rikorrenti. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m’huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li “jiffriża” l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta’ Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq ‘il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[12];

Illi r-rikors promotur jitfa’ l-piż tal-abbuż tal-Mandat fil-konfront tar-rikorrenti Daniela Said. Ladarba, kif ingħad, fil-mori tas-smigħ tar-rikors inħareġ l-opportun kontro-Mandat fil-konfront tagħha, l-unika kawżali li jibqa’ biex tgħin lir-rikorrenti l-oħrajn hija dik tal-intempestivita’. Diġa’ ngħad li lment ta’ din l-għamla ma jagħmilx parti minn proċeduri bħal din li għandha quddiemha l-Qorti. Fi kliem ieħor, ir-rikorrenti ma tawx raġuni tajba għaliex, b’xi ġrajja li seħħet wara li kien inħareġ il-Mandat, m’huwiex sewwa li l-istess Mandat jibqa’ fis-seħħ kollu jewe biċċa minnu;

Illi, fuq dawn il-mottivi, il-Qorti qegħda għalhekk issib li r-rikorrenti hawn ukoll ma tawhiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

[12] Art. 836(9) tal-Kap 12

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti aħwa Said billi:

**Tastjeni** milli tqis it-talba għat-tħassir tal-Mandat fir-rigward tar-rikorrenti Bettina Said, u dan billi matul is-smigħ tal-każ inħareġ l-opportun Kontro-Mandat fil-konfront tagħha;  u

Billi **tiċħad it-talba** tar-rikorrenti l-oħrajn għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2751/01, billi ma tawx lill-Qorti raġuni tajba għaliex għandu jsir hekk taħt l-ebda waħda miż-żewġ kawżali minnhom imsemmija fir-Rikors tagħhom.

**Spejjeż għar-rikorrenti**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------